TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 70/14/MS**

**Fiona & Patrick Grech**

**vs**

**Solar Engineering Ltd.**

Illum 26 ta' Jannar 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrenti tas-16 ta' April 2014.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tas-16 ta' Gunju 2014.

Ra illi s-socjeta' konvenuta kienet notifikata bit-talba tar-rikorrenti fit-23 ta' Mejju 2014.

Ra illi minkejja li s-socjeta' konvenuta ma pprezentatx ir-risposta fit-termini tal-ligi, xorta ser tikkunsidra x-xhieda ta' Anthony Saliba, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati, sema' lix-xhieda kif ukoll it-trattazjoni tal-partijiet u ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra;**

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrenti, fid-9 ta' Mejju 2013, xtraw minghand is-socjeta' konvenuta tnax il-panella fotovoltajici ghal prezz totali ta' €5,699.97. Dawn il-panelli gew stallati fid-9 ta' Ottubru 2013. L-atturi hallsu €200.00 fil-10 ta' Mejju 2013 bhala depozitu li kellu jigi rifuz lilhom; €2,280.00 fil-11 ta' Settembru 2013 u €3420 fit-18 ta' Dicembru 2013 - li flimkien jammontaw ghal hames telef, disa mitt Euro (€5,900) - u cjoe' mitejn Euro €200.00 oltre l-prezz stipulat.

Illi l-atturi talbu li dawn il-mitejn Euro (€200.00) jigu rifuzi lilhom izda s-socjeta' konvenuta rrifjutat ghax qalet illi dawna kellhom imorru ghal strutturi addizjonali li rrizultalhom waqt li kienu qeghdin jinstallaw l-apparat.

It-Tribunal ma jaqbilx ma' dan l-argument.

**Ikkunsidra;**

Illi meta s-socjeta konvenuta accettat li tinstalla l-apparat ghand l-atturi, dawn prezumibilment u kif mitlub mis-sengha, baghtu t-technicians fuq il-post sabiex jaghmlu spezzjoni u jaraw l-ahjar metodu kif kellhom jigu nstallati dawn il-panelli bis-supporting structures b'kollox. Wara dan isiru l-costings u tinhareg cifra wahda ghax-xiri ta' panelli u stallazzjoni. Jekk kien hemm xi dizlivell ma' xi propjeta' ohra, fejn is-socjeta' konvenuta nstallat il-panelli, kif xehed Anthony Saliba, dan kien ben vizibbli u seta' jigi facilment konstatat mill-ewwel gurnata li saret l-ispezzjoni, u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kienet f'posizzjoni li taggusta l-prezz skond il-kaz.

Illi bil-hrug tal-invoice datat 9-5-2013, is-socjeta' konvenuta intrabtet formalment li tipprovdi l-prodott bl-istallazzjoni b'kollox, ghal prezz indikat. L-atturi accettaw dan il-prezz u nkarigaw lis-socjeta' konvenuta jesegwixxu x-xogholijiet. Dawn gew ezegwiti, u wara dan, s-socjeta konvenuta qieghda titlob li zzomm il-mitejn Euro (€200.00) mhallsa zejda, bhala kumpens ghal 'strutturi addizzjonali'. Bir-rispett, jekk kien hemm xi strutturi addizjonali, misshom rawhom mill-bidu nett u mhux f'dan l-istadju fejn il-kuntratt gie konkjuz u l-obbligazzjoni rispettivi tal-partijiet ben definiti.

Illi bl-agir taghha, s-socjeta' konvenuta qeghda litteralment tisposta l-lasti 'shifting the goal-posts' biex taghmel gwadann illecitu fuq skuza mhux gustifikabbli.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi tirrifondi lill-atturi s-somma ta' mitejn Euro (€200.00), bl-ispejjes kontra lis-socjeta' konvenuta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**